**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 32**
**L-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 2022 fl-4:00 p.m.**

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### ANZJANI - SERVIZZ RESPITE FID-DAR

**2546. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm anzjani li għamlu użu mis-servizz 'Respite fid-Dar' fis-snin 2019, 2020, 2021 u 2022 (sal-lum), rispettivament? Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx każijiet pendenti bħalissa li qed jistennew li jingħataw servizz mill-CommCare? Jekk iva, jista' l-Ministru jgħid għaliex hemm dan id-dewmien?

30/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-anzjani fil-komunità li għamlu użu mis-servizz tar-Respite fid-dar kien hekk:

| Sena | Benefiċjarji |
|---|---|
| 2019 | 217 |
| 2020 | 234 |
| 2021 | 248 |
| 2022 sa Settembru | 222 |

Bħalissa hemm 43 każ pendenti jistenna għas-servizz Respite fid-Dar. Ir-raġuni tal-każijiet pendenti hija n-nuqqas ta' carers disponibbli fis-suq.

Seduta 32
12/10/2022

### ANZJANI - SILVER-T SERVICE

**2547. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm anzjani, li għamlu użu mis-'Silver-T Service', li jikkonsisti fi trasport lokali lill-anzjani sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-qadi tagħhom fil-komunità, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-anzjani kellhom bejn 70 sena u 80 sena u kemm minn dawn l-anzjani kellhom 'il fuq minn 81 sena?

30/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-servizz tas-Silver-T ġie mniedi f'Ottubru tal-2018 b'erbà lokalitajiet u baqa' jiġi estiż f'aktar lokalitajiet tul is-snin. Fil-preżent qed jingħata f'25 lokalità. L-informazzjoni kif mitluba, kif ukoll it-total ta' vjaġġi tidher fit-tabella. It-total ta' benefiċjarji ma kinitx tinżamm mill-2018 sal-2020.

Dan is-servizz bbenefikaw minnu anzjani li għandhom 'il fuq minn sittin sena. Informazzjoni ta' kemm anzjani jużaw is-servizz li kellhom bejn 70 u 80 sena u dawk l-anzjani li kellhom 'il fuq minn 81 sena ma tinżammx.

| Sena | Xhur | Vjaġġi | Benefiċjarji |
|---|---|---|---|
| 2018 | Ottubru - Diċembru | 1,222 | |
| 2019 | Jannar - Diċembru | 6,383 | |
| 2020 | Jannar - Marzu | 1,473 | |
| April - Ġunju | Temporanjament wieqaf minħabba Covid-19 | | |
| Lulju - Diċembru | 2,935 | | |
| 2021 | Jannar – Diċembru<br>(18-il lokalità | 8,275 | 391 |
| 2022 | Jannar – Settembru<br>(25 lokalità) | 8,292 | 471 |

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KONSULENZI**

**887. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru u/jew Segretarju Parlamentari jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 330 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

25/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenzi mħallsin s'issa mill-Ministeru huma kif jidhru fit-tabella segwenti.

**Ministeru**

| SENA | | ISEM TAL-KONSULENT/I/KUMPANIJA | TIP TA' SERVIZZ/KONSULENZA | ĦLAS € |
|---|---|---|---|---|
| 2020 | | IDEA Advisory Limited | Project Management Services icw the implementation of Agriculture Bioresources Agency's strategy | 39332.94 |
| | | Kirsten Cutajar Miller | Proposal for setting up a New Agency for the Marketing of Agriculture and Fisheries Produce | 9650 |
| | | IDEA Advisory Limited | Proposal for the review of the Operations of the Governance of Agriculture Biorescources Agency | 9800 |
| 2021 | | IDEA Advisory Limited | Provision of Project Management Services for the Implementation of Governance of Agriculture Biorescources Agency's Strategy | 80899.5 |
| | | Mr Antoine Dallli | Advice and Support regarding Blue Fin Tuna rely to EU Commission | 500 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | RSM | Audit Re Controls Related to the Farming of Blue Fin Tuna | 9000 |
| **2022** | | IDEA Advisory Limited | Project Management Services the implementation of Agriculture Bioresources Agency's strategy | 39332.94 |
| | | EMCS Ltd | Economic and Business Analysis of the Food Security Problem Triggered by the War in Ukraine | 9350 |
| | | Ernst & Young Parthenon | Advisory Services on Food Security and Economic and Sustainability | 135000 |
| | | KSi Malta | Riforma għat-Trattament Xieraq tal-Annimali | €85/siegħa sa 50 siegħa |

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - KONSULENZI**

**888. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 331 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

25/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li diġà ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari 331.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - KONSULENZI**

**889. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 333 u tagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Tista' tgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

25/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kien hemm l-ebda konsulenzi mħallsin s'issa f'din il-leġiżlatura minn dan il-Ministeru.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - KONSULENZI**

**890. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 334 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KONSULENZI**

**891. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 335 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

25/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni dwar servizzi ta' konsulenza mitluba tiġi ppubblikata kull sitt 6 xhur fuq il-gazzetta tal-Gvern.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - KONSULENZI**

**965. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru u/jew Segretarju Parlamentari jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 336 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

26/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 963.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA**

**1328. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 617 u jgħid kemm irtiraw persuni minn kull dipartiment u entità li jifformaw parti mill-Ministeru li huwa jmexxi bejn l-1 ta' Lulju 2017 u l-31 ta' Marzu 2022? Jista' jgħid kemm ġew impjegati persuni ma' kull entità u dipartiment li jifformaw parti mill-Ministeru fl-istess perjodu?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fid-Dipartimenti fi ħdan il-Ministeru kien hemm total ta' 171 rekluti ġodda u 25 li rtiraw.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SERVIZZI PROFESSJONALI**

**1329. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 615 u jagħti lista tas-servizzi professjonali kollha li kkuntratta l-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet li jaqgħu taħtu mill-1 ta' Lulju 2017 sad-data ta' din il-mistoqsija? Min huma dawn is-service providers? Kemm tħallsu? Kif intgħażlu?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika liema huma s-servizzi professjonali.

Seduta 32
12/10/2022

**PUBBLIKAZZJONI 'NISĠET ARTNA'**

**1330. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 614 u jgħid x'inhuma l-kriterji li fuqhom titqassam fid-djar il-pubblikazzjoni 'Nisġet Artna'? Jista' jgħid jekk il-pubblikazzjoni qattx intbagħtet fil-households kollha ta' Malta u Għawdex? Jista' jgħid liema edizzjonijiet u f'liema lokalitajiet intbagħtet f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid kemm kienet l-ispiża totali ta' din il-pubblikazzjoni, liema spiża tkun tinkludi xogħol ta' artwork, artikli, printing, posta, eċċ. għas-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022? Minn liema Line Item tal-Budget toħroġ din l-ispiża?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi sabiex wieħed jirċievi l-pubblikazzjoni ta' *Nisġet Artna* jrid ikun abbonat, tali servizz li huwa bla ħlas. Tabella numru 1 tindika il-lokalitajiet li fihom tqassmet il-pubblikazzjoni.

**Tabella Nru 1**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħ'Attard | Ħal Balzan | Il-Bidnija | Il-Birgu (Vittoriosa) |
| Birkirkara | Birżebbuġa | Bormla (Cospicua) | Ħad-Dingli |
| Il-Fgura | Il-Furjana | Ħal Għargħur | Ħal Għaxaq |
| Il-Gudja | Il-Gżira | Il-Ħamrun | L-Iklin |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Kalkara | Ħal Kirkop | Ħal Lija | Ħal Luqa |
| Il-Marsa | Marsaskala or Wied il-Għajn | Marsaxlokk | L-Imdina |
| San Lawrenz | Kercem | Il-Mosta | L-Imqabba |
| L-Imsida | L-Imtarfa | In-Naxxar | Raħal Ġdid (Paola) |
| Pembroke | Tal-Pietà | Fontana | Il-Qrendi |
| Ir-Rabat, Malta | Ħal Safi | San Ġwann | Santa Luċija |
| Victoria | L-Isla (Senglea) | Is-Siġġiewi | Tas-Sliema |
| San Ġiljan | San Pawl il-Baħar | Munxar | Sannat |
| Ta' Xbiex | Il-Belt Valletta | Ix-Xgħajra | Ħaż-Żabbar |
| Il-Mellieħa | L-Imġarr | Xewkija | Ghajnsielem |
| Xaghra | Nadur | Is-Swieqi | Ħal Tarxien |
| Ħal Qormi | Qala | Santa Venera | Żebbug (Gozo) |
| Gharb | Iż-Żejtun | Iż-Żurrieq | Għasri |
| Ħaż-Żebbuġ | | | |

Fir-rigward ta' l-ispiża totali, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-**tabella numru 2** b'tali informazzjoni li għandna disponibbli mill-2018 sal-lum.

| **Tabella Nru 2** | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2018** | **Edizzjoni** | **Disinn** | **Vot** | **Qari tal-Prova** | **Vot** | **Stampar** | **Vot** | **Posta** | **Vot** | **Ammont Totali** |
| Marzu | Nisġet Artna Rebbiegħa 2018 | €480 | 2650 D04 | €300 | 2650 D04 | €5,172.80 | 2610 D04 AGR | €3,749.49 | | €9,702.29 |
| Ġunju | Nisġet Artna Sajf 2018 | €430 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,172.80 | 2610 D04 AGR | €3,789.36 | | €9,742.16 |
| Settembru | Nisġet Artna Ħarifa 2018 | €420 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,706.66 | 2610 D04 AGR | €4,446.17 | | €10,922.83 |
| Diċembru | Nisġet Artna Xitwa 2018 | €420 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,491.32 | 2610 D04 AGR | €3,986.49 | | €10,247.81 |
| **2019** | **Edizzjoni** | **Disinn** | **Vot** | **Qari tal-Prova** | **Vot** | **Stampar** | **Vot** | **Posta** | **Vot** | **Ammont Totali** |
| Marzu | Nisġet Artna Rebbiegħa 2019 | €420 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,172.80 | 2610 D04 AGR | €2,514.70 | | €8,457.50 |
| Ġunju | Nisġet Artna Sajf 2019 | €420 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,172.80 | 2610 D04 AGR | €2,411.23 | | €8,354.03 |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Settembru | Nisġet Artna Ħarifa 2019 | €420 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,706.66 | 2610 D04 AGR | €2,504.23 | | €8,980.89 |
| Diċembru | Nisġet Artna Xitwa 2019 | €420 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,491.32 | 2610 D04 AGR | €2,672.09 | | €8,933.41 |
| **2020** | **Edizzjoni** | **Disinn** | **Vot** | **Qari tal-Prova** | **Vot** | **Stampar** | **Vot** | **Posta** | **Vot** | **Ammont Totali** |
| Marzu | Nisġet Artna Rebbiegħa 2020 | €283.20 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,709.83 | 2610 D04 AGR | €2,776.90 | | €9,119.93 |
| Ġunju | Nisġet Artna Sajf 2020 | €283.20 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,709.83 | 2610 D04 AGR | €2,779.49 | | €9,122.52 |
| Settembru | Nisġet Artna Ħarifa 2020 | €283.20 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,922.92 | 2610 D04 AGR | €2,777.98 | | €9,334.10 |
| Diċembru | Nisġet Artna Xitwa 2020 | €283.20 | 2650 D04 | €350 | 2650 D04 | €5,709.83 | 2610 D04 AGR | €2,778.84 | | €9,121.87 |
| **2021** | **Edizzjoni** | **Disinn** | **Vot** | **Qari tal-Prova** | **Vot** | **Stampar** | **Vot** | **Posta** | **Vot** | **Ammont Totali** |
| Marzu | Nisġet Artna Rebbiegħa 2021 | €283.20 | E2160 (vot rikurrenti) | €177.00 | E2980 (vot rikurrenti) | €5,716.14 | E2200 (recurrent vote) | €2,779.27 | E2980/E1620 (vot rikurrenti) | €8,955.61 |
| Ġunju | Nisġet Artna Sajf 2021 | €283.20 | E2160 (vot rikurrenti) | €177.00 | E2980 (vot rikurrenti) | €8,570.13 | E2200 (recurrent vote) | €2,779.49 | E2980/E1620 (vot rikurrenti) | €11,809.82 |
| Settembru | Nisġet Artna Ħarifa 2021 | €283.20 | E2160 (vot rikurrenti) | €177.00 | E2980 (vot rikurrenti) | €8,570.13 | e2200 (recurrent vote) | €2,960.85 | E2980/E1620 (vot rikurrenti) | €11,991.18 |
| Diċembru | Nisġet Artna Xitwa 2021 | €283.20 | E2160 (vot rikurrenti) | €177.00 | E2980 (vot rikurrenti) | €7,609.37 | E2160 (recurrent vote) | €2,963.67 | E2980/E1620 (vot rikurrenti) | €11,033.24 |
| Marzu | Nisġet Artna Rebbiegħa 2022 | €265.50 | E2160 (vot rikurrenti) | €177.00 | E2980 (vot rikurrenti) | €9,089.55 | E1540 (vot rikurrenti) | €2,953.29 | E2980/E1620 (vot rikurrenti) | €12,485.34 |
| **2022** | **Edizzjoni** | **Disinn** | **Vot** | **Qari tal-Prova** | **Vot** | **Stampar** | **Vot** | **Posta** | **Vot** | **Ammont Totali** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġunju | Nisġet Artna Sajf 2022 | €295. 00 | E2160 ( Vot Rikurre nti) | €200. 60 | E2980 (Vot Rikurre nti) | €4280. 22 | E1540 (Vot Rikurre nti) | €2520. 11 | E2980/E 1620 (Vot Rikurrent i) | €7295. 93 |
| Settem bru | Nisġet Artna Ħarifa 2022 | €295. 00 | E2160 (vot rikurre nti) | €200. 60 | E2980 (vot rikurre nti | €4,326 .09 | E1540 (Vot Rikurre nti) | €2,524 .82 | E2980/E 1620 (Vot | 7346.5 1 |

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - INFIQ F'REKLAMAR**

**1331. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 613 u jgħid x'kien l-ammont li ntefaq mill-Ministeru fuq materjal ta' reklamar inkluż fuq billboards, reklami fil-gazzetti, reklami fuq social media u leaflets jew pubblikazzjonijiet oħrajn li tqassmu fid-djar għal kull xahar bejn Jannar 2020 u Jannar 2022?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 1327.

Seduta 32
12/10/2022

**LIĠI BIEX TGĦIN LILL-BDIEWA FIL-KAWŻI FIL-QRATI**

**1332. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 612 u jgħid meta huwa maħsub li tidħol fis-seħħ il-liġi li hu stess qal li qed iħejji biex tkun tista' tgħin lill-bdiewa fil-kawżi fil-Qorti fejn l-istess bdiewa qed jintalbu joħorġu mir-raba' tagħhom?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-seduta Parlamentari Nru. 28 sar l-ewwel qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Rabà, Kap. 199, Mozzjoni Nru. 69.

Seduta 32
12/10/2022

**IL-PITKALIJA - ĦADDIEMA**

**1333. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 610 u jgħid jekk mill-1 ta' Lulju 2017 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari żdidux ħaddiema mal-Gvern li jaħdmu fil-Pitkalija? Jekk fl-affermattiv, kemm żdiedu ħaddiema, f'liema grad u minn liema lokalitajiet ġejjin dawn il-ħaddiema?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1770. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kwalifiċi akkademiċi tal-persuni indikati fid-domanda.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1771. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-kwalifiki akkademiċi li għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza huma kif indikat fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| | **Role** | **Academic and professional qualifications** |
|---|---|---|
| **Monitoring Board for Detained Persons formerly Board of Visitors for Detained Persons (Bord ta' Monitoraġġ għal Persuni Detenuti) (Detention)** | chairperson | LL.D. LL.M. |
| **Immigration Appeals Board Div I (Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni)** | Chairperson | B.A.,LLD., L.P., Mag. Juris (Int. law) |
| **Immigration Appeals Board - Div 2** | Chairperson | B.A. LL.B LL.D |

| | | |
|---|---|---|
| **Trafficking in Human Persons Monitoring Committee (Kumitat ta' Moniteraġġ ta' Traffikar ta' Persuni)** | | |
| Permanent Secretary MHSR | Chairperson | |

| | | |
|---|---|---|
| **Academy for Disciplined Forces Board (il-Bord tal-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati)** | Chairperson | BA (Communications Studies & Literature) (Melit.), BA (Hons.) (Aug. Inst.), MA (History) (Melit.), LL. D (Melit.), D.Phil (Oxon.) |

| | | |
|---|---|---|
| **Academic Committee of the Academy for Disciplined Forces (Il-Kumitat Akkademiku tal-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati)** | Chairperson | BA (Criminology)., Dip. Pol. Stud., MBA (Henley).,C.P |

| | | |
|---|---|---|
| **Aviation Security Committee (Kumitat dwar is-Sigurta' fl-Avjazzjoni)** | | |
| Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality | Chairperson | |

| | | |
|---|---|---|
| **Explosives Committee (Kumitat tal-Esplussivi)** | Chairperson | |

| | | |
|---|---|---|
| **Private Maritime Security Licensing Board (Bord ta' Liċenzjar tas-Sigurtà Marittima Privata)** | Chairman | MSc International Maritime Studies (Southampton) |

| | | |
|---|---|---|
| **Civil Protection Council (Kunsill dwar il-Protezzjoni Ċivili)** | | |
| Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality | Chairperson | |

| | | |
|---|---|---|
| **Health and Safety Monitoring Board Maintenance of Good Order at Places of Entertainment (Bord ta' Sorveljanza għas-Saħħa u għall-Ħarsien)** | chairperson | N/A |

| | | |
|---|---|---|
| **Injuries Board for Disciplined Forces (Bord dwar il-Korrimenti tal-Korpi Dixxiplinati)** | Chairperson | BSc MD DipGer MGer PhD |

| | | |
|---|---|---|
| **Police Governance Board (Bord ta' Governanza tal-Pulizija)** | Chairperson | PhD spatio-temporal environmental criminology, MSc GIS BA (Hons) Sociology Dip. App.Soc.St (Applied Social Studies) |

| | | |
|---|---|---|
| **Police Licences Appeals Tribunal (Tribunal ta' Appelli dwar il-Liċenzi tal-Pulizija)** | President | B.Eng.(Hons) Eng. Surv. |
| **Weapons Board (Bord tal-Armi)** | Chairperson | B.A. (Hons) |
| **Independent Police Complaints Board formerly Police Board (Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija)** | Chairperson | KCSG, BA, LL.D. |
| **Police Disciplinary Appeals Board** | Chairman | B.A.LL.D. M.Jruis. (Eur. Law) |
| **Prisons (Board of Governance)** | Chairperson | Medical Doctorate, Advanced Aviation Medicine |
| **Prison Leave Advisory Board (Bord li Jagħti l-Pariri dwar l-Assenza Temporanja mill-Ħabs)** | Chairperson | BPsych<br>PGDip ProbServ<br>MSc Forensic & Legal Psychology |
| **Prison Appeals Tribunal (Tribunal tal-Appelli tal-Ħabs)** | chairman | B.A.,LL.D. |

| | | |
|---|---|---|
| **The Corradino Correctional Facility Monitoring Board formerly The Board of Visitors of the Prisons (Il-Bord ta' Monitoraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin)** | Chairperson | B.A. LL.B LL.D |

| | | |
|---|---|---|
| **Prison Addiction Rehabilitation Management Board (Bord tal-Ħabs għall-Immaniġjartar-Rijabilitazzjoni mill-Vizzji)** | Member | M.D M.R.C.Psych CCST Psychiatry Malta |

| | | |
|---|---|---|
| **The Remission Board (il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi)** | chairperson | Legal Procurator in 1973, and Advocate in 1980 |

| | | |
|---|---|---|
| **The Victim-Offender Mediation Committee (il-Kumitat għall-Medjazzjoni bejn il-Vittma u Min Wettaq ir-Reat)** | chairperson | Bachelor of Arts in Socio Legal Studies; Diploma Legal Procurator; Post Graduate Diploma in Probation Services. |

| | | |
|---|---|---|
| **International Protection Appeals Tribunal** | Chairperson | B.A. LL.D., M. Jur (Eu. Law) |

| | | |
|---|---|---|
| **LESA Advisory Board** | Chairperson / CEO | Masters in Business Administration (MBA) |

| | | |
|---|---|---|
| **Victim Support Agency Board** | Chairperson | Masters of Ars (European Studies), Teacher's Warrant |

| | | |
|---|---|---|
| **Malta Resident Visa Approvals Board 2** | Chairperson | M.A. Economics, BSc Financial Services, Associateship (ACIB) |

| | | |
|---|---|---|
| **Malta Resident Visa Agency Board** | Chairperson | Doctor of Laws LL.D. (Melit) Diploma of Notary Public N.P. (Melit) |

| | | |
|---|---|---|
| **Malta Resident Visa Approvals Board 1** | Chairperson | Doctor of Laws (LL.D), Dip. NP, LL.B., M.A (Eur. Stud) |

| | | |
|---|---|---|
| **Deprivation of Maltese Citizenship (Committee of Enquiry)** | Chairperson | BA, LL.D. |

| | | |
|---|---|---|
| **Identity Malta Agency Board** | Chairperson | MBA |

| | | |
|---|---|---|
| **Citizenship by Merit Board** | Chairperson | LL.D, LL.M |

| | | |
|---|---|---|
| **Malta Resident Visa Approvals Board 3** | Chairperson | Masters Degree in Matrimonial Canon Law & Jurisprudence with a Summa Cum Laude |

| | | |
|---|---|---|
| **Board to regulate Grants to Voluntary Organisations in line with a National Campaign against Drugs** | Chairperson | Diploma in Management |

| | | |
|---|---|---|
| **Commission on Gender-Based Violence & Domestic Violence** | Commissioner | PhD student at the Faculty for Social Wellbeing Master Of Education (Adult Education) Post Graduate Diploma in Systemic Family Psychotherapy Bachelor of Education (Honours) |

| | | |
|---|---|---|
| **National Commission for the Promotion of Equality for Men and Women** | Commissioner | Masters in Maltese Studies Diploma in Political Studies Diploma in Administration & Management in Education Teachers' Training Certificate with French as a special field of study Diploma in the French Language |

| | | |
|---|---|---|
| **Task force related to the Human Trafficking Reform** | Chairperson | |

| | | |
|---|---|---|
| **Equality and Reforms Awareness amongst Youths Board** | Chairperson | Ph.D. in Post-Colonial Studies within the Department of English and Comparative, M.A. by Research (Postcolonial Literature and and Critical Theory), B.A. (Hons) (English Language and Literature). |

| | |
|---|---|
| **Identity Malta CEO** | Masters in Business Administration |

| | |
|---|---|
| **LESA CEO** | Masters in Business Administration (MBA), |

| | |
|---|---|
| **Community Malta Agency CEO -** | Diploma in Public Administartion |

| | |
|---|---|
| **Residency Malta Agency CEO -** | Masters in Business Administration |

| | |
|---|---|
| **Agency for the Welfare u Asylum Seekers (AWAS) CEO -** | Bachelor of Psychology (Hons) 2nd upper |

| | |
|---|---|
| **International Protection Agency (IPA) CEO -** | B.A. (Honours) degree in International Relations. |

| | |
|---|---|
| **Autority for the Responsible Use of Cannabis (ARUC) CEO -** | MSc. Psy., B.Psy(Hons), Registered Psychotherapist (Gestalt) |

| | |
|---|---|
| **Commission on Gender Based Violence & Domestic Violence (CGBVDV) -** | PhD student at the Faculty for Social Wellbeing<br>Master Of Education (Adult Education)<br>Post Graduate Diploma in Systemic Family Psychotherapy<br>Bachelor of Education (Honours) |

| | |
|---|---|
| **Victim Support Angency (VSA) CEO -** | Masters in European Studies<br>BA Hons International Relations |

| | |
|---|---|
| **Correctional Service Agency (CSA) -** | C. Ing (HONS) |

| | |
|---|---|
| **National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) Commissioner -** | Masters in Maltese Studies<br>Diploma in Political Studies<br>Diploma in Administration & Management in Education<br>Teachers' Training Certificate with French as a special field of study<br>Diploma in the French Language |

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1772. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li s-CEOs u Chairpersons tal-Bordijiet fi ħdan il-Ministeru għandhom kwalifiċi li jibdew minn Degree u jibqgħu telgħin sa Dottorat, kollha għandhom esperjenza fl-ispettru wiesa'tal-qasam turistiku, fejn uħud minnhom ilhom jokkupaw din il-pożizzjoni/kariga għal snin sħaħ.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1773. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1774. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1775. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 32
12/10/2022

**REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA – MEMBRI TAL-BORD**

**2268. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 1135 u t-tweġiba li ngħatat, tista' l-Ministru, a tenut tal-artikolu 3(6) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545, telenka l-kriterji ppubblikati li abbażi tagħhom skont l-istess artikolu, għandhom jinħatru l-membri tal-Bord tar-REWS?

18/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kriterji li jirreferi għalihom l-artikolu 3(6) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545) jiġu ppubblikati bħala parti mill-proċess ta'

ħatriet ġodda. Madankollu, b'mod ġenerali, wieħed ikun irid jassigura li l-bord tar-Regolatur ikun kompost minn membri li jkun ġejjin minn oqsma professjonali differenti bħal ngħidu aħna il-kamp legali, l-inġinerija, ix-xjenza u l-ekonomija jew l-accountancy.

Minbarra l-kwalifiċi akkademiċi wieħed ikun mistenni japplika wkoll kriterji oħra bbażati fuq il-ħiliet, l-għarfien u l-esperjenza. Dan kollu minbarra verifiki oħra li jikkonċernaw ir-reputazzjoni tal-individwu u li jassiguraw li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess.

Seduta 32
12/10/2022

**XGĦAJRA – ILQUGĦ TAL-ĦADD LI HEMM FIX-XATT**

**2272. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara jekk huwiex possibbli li jinbdew ix-xogħlijiet neċessarji sabiex l-ilqugħ tal-ħadid li hemm fix-Xatt tax-Xgħajra jiġi msewwi u mibdul, għax diġà hu mimli sadid?

19/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li x-xogħol tar-railing tax-Xatt diġà nbeda.

Seduta 32
12/10/2022

**ISLA – ILQUGĦ FL-AĦĦAR PARTI TAX-XATT JUAN B AZZOPARDO**

**2273. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li fl-aħħar parti tax-Xatt Juan B Azzopardo fil-belt Sengleana jsirilha l-ilqugħ li kien inbeda snin ilu u li s'issa għadu mhux magħmul u perikoluż?

19/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Isla li r-railing tan-naħa tal-ponta huwa lest iżda jonqos in-naħa tal-bidu tal-Isla quddiem it-Terrace Houses.

Seduta 32
12/10/2022

**KONVENZJONI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA 176 – EUROPEAN LANDSCAPE CONVENTION**

**2274. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 11908 li kienet ġiet imwieġba fl-aħħar leġiżlatura, tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra jekk il-proċess ta' ratifikazzjoni tal-European Landscape Convention (Kunsill tal-Ewropa) huwiex issa finalizzat?

19/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess għadu għaddej.

Seduta 32
12/10/2022

**PULIZIJA – PERSUNI REFUĠJATI U PERSUNI LI ĦAQQHOM PROTEZZJONI**

**2275. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm ġew rilokati refuġjati u persuni li ħaqqhom protezzjoni tul is-sena li għaddiet 2021 u tul l-ewwel sitt xhur tas-sena kurrenti?

19/07/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li tul is-sena li għaddiet 2021 u tul l-ewwel sitt xhur tas-sena kurrenti, in-numru ta’ immigranti li ġew rilokati fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea permezz ta’ skemi ad hoc ta’ rilokazzjoni hu ta’ 247. Dawn in-numri huma mistennija li jkomplu jiżdiedu wara li beda jitħaddem il-mekkaniżmu ta’ solidarjetà li ntleħaq ftehim fuqu fil-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern f’Ġunju li għadda u permezz ta’ diskussjonijiet bilaterali li jinsabu għaddejin bejn Malta u Stati Membri oħra.

Seduta 32
12/10/2022

**UNIVERSITÀ - KORS TAL-MEDJAZZJONI U GĦALL-GRAD TA’ MASTERS**

**2276. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk tul is-sena akkademika li ġejja huwiex se jinfetaħ il-Kors tal-Medjazzjoni u għall-Grad ta’ Masters fl-istess linja, kif ukoll jindika kemm hemm studenti f’dawk li diġà bdew?

19/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-applikazzjonijiet għas-sena akkademika li ġejja, 2022/23, huma miftuħin għall-kors tal-Master of Arts in Mediation.
Ninfurmah ukoll li preżentament hemm għaxar (10) studenti li qegħdin isegwu dan il-kors imsemmi hawn fuq.

Seduta 32
12/10/2022

**UNIVERSITÀ TA’ MALTA: ASSEMBLY HALL – APPARAT TAL-AIR CONDITIONING**

**2277. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk kemm-il darba huwiex previst li tul is-sena li ġejja se jinbidel l-apparat tal-air conditioning fl-Assembly Hall tal-Università ta’ Malta?

19/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-intenzjoni tal-Università ta' Malta hi li tibdel is-sistema tal-arja kkundizzjonata fis-snin li ġejjin.
Is-sala Sir Temi Żammit tirrekjedi “refurbishment” sħiħ u l-arja kkundizzjonata hija appuntu parti minn dan ir-“refurbishment”.

Seduta 32
12/10/2022

**GĦAWDEX: NADUR – TRIQ IR-RABAT – RETAINING WALL TAL-KONKOS**

**2287. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta saret l-aħħar spezzjoni fuq ir-retaining wall tal-konkos li hemm fi Triq ir-Rabat, fin-Nadur, liema ħajt jidher li jista' jċedi? Jista' jgħid ukoll jekk min għamel din l-ispezzjoni, ikkonfermax li m’hemm l-ebda periklu? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tar-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

21/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara spezzjonijiet li saru min uffiċjali pubbliċi ġie deċiż li l-każ jiġi riferut lill-esperti fis-settur.

Seduta 32
12/10/2022

**DIRETTUR ĠENERALI GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR – IMPENJI U TALBIET GĦAL ORDNI TA' TĦARIS**

**2288. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid mill-bidu tal-2022 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm-il-impenn fil-kuntest tal-artikolu 12A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 aċċetta d-Direttur Ġenerali għall-Affarijiet tal-Konsumatur u fir-rigward ta' liema qasam kienu dawk l-impenji li ġew aċċettati? Tista' tgħid mill-bidu tal-2022 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm-il ordni ta' tħaris intalbet mid-Direttur Ġenerali għall-Affarijiet tal-Konsumatur fil-kuntest tal-artikolu 12Ċ(1)(ċ)(iii) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur?

21/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu tal-2022 sa issa ma sarux proċeduri ta' impenji stabbiliti fl-artikolu 12A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378; u ma ntalbux ordnijiet ta' tħaris mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) skont l-artikolu 12Ċ(1)(ċ)(iii) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.
Nieħu l-opportunità li hawn ninnota li matul dan il-perjodu, l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur, f'konformità mal-artikolu 17(1)(f) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, intervjenew ma' numru ta' kummerċjanti fejn kien hemm allegat ksur tal-liġijiet tal-konsumatur, u fejn dan wassal għall-osservanza volontarja qabel ma nbdiet azzjoni ġudizzjarja.

Seduta 32
12/10/2022

**GĦAWDEX: NADUR – TRIQ DAĦLET QORROT**

**2289. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħol jonqos fi Triq Daħlet Qorrot fin-Nadur biex ix-xogħol ikun lest kollu? Jista' jgħid meta hu maħsub li jkun lest dan ix-xogħol?

22/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol li għad jonqos isir huwa relatat mas-sistema ġdida tad-drenaġġ u l-wearing course. Dan ix-xogħol hu maħsub li jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 32
12/10/2022

**DIRETTUR ĠENERALI (KOMPETIZZJONI) – TALBIET BIEX ISSIR INVESTIGAZZJONI**

**2290. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid mill-2020 s'issa kemm-il talba saret skont l-artikolu 12 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379 lid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) biex dan jagħmel investigazzjoni? F'kull każ tista' telenka minn min saret it-talba u fir-rigward ta' liema settur saret?

22/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li mill-2020 sal-lum, saret talba waħda mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-kompetizzjoni biex issir investigazzjoni. Din kienet tirrigwarda s-settur tat-telekommunikazzjoni.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – KUMITATI, BORDIJIET U KUMMISSJONIJIET**

**2292. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-kumitati, bordijiet, kummissjonijiet, eċċ. li jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex? Għal kull każ, jista' jgħid min hu ċ-Chairperson u min huma l-membri ta' kull entità li taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex? Jista' jgħid min kien iċ-Chairperson u l-membri tal-istess entitajiet sa qabel l-Elezzjoni Ġenerali tal-2022?

27/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 32
12/10/2022

**KUMMISSJONI EWROPEA – FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA – PJAN IPPREŻENTAT MINN MALTA**

**2296. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Wara li Malta kienet ippreżentat pjan lill-Kummissjoni Ewropea li jikkonsisti fi 17-il investiment u 30 riforma li kienu se jiġu ko-finanzjati bl-ammont ta' €316.4 miljun f'fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi bidliet fl-investimenti u/jew ir-riformi msemmija vis-à-vis il-fondi allokati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza?

02/08/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 32
12/10/2022

**KUMMISSJONI EWROPEA – FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA – PJAN IPPREŻENTAT MINN MALTA**

**2297. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Wara li Malta kienet ippreżentat pjan lill-Kummissjoni Ewropea li jikkonsisti fi 17-il investiment u 30 riforma li kienu se jiġu ko-finanzjati bl-ammont ta' €316.4 miljun f'fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), jista' l-Ministru jipprovdi b'mod dettaljat l-aħħar żviluppi dwar il-progress li sar u l-proġetti li ġew implimentati vis-à-vis dawn l-investimenti u r-riformi msemmija u jekk Malta tinsabx on time fuq l-iskeda ta' implimentazzjoni (timeline of completion) ta' dawn l-investimenti u r-riformi maqbula mal-Kummissjoni Ewropea?

02/08/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' investimenti u riformi bid-dettalji tal-progress li sar sal-lum.

Seduta 32
12/10/2022

**KUMMISSJONI EWROPEA – – FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA – PJAN IPPREŻENTAT MINN MALTA**

**2298. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Wara li Malta kienet ippreżentat pjan lill-Kummissjoni Ewropea li jikkonsisti fi 17-il investiment u 30 riforma li kienu se jiġu ko-finanzjati bl-ammont ta' €316.4 miljun f'fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-

Reżiljenza (RRF), jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi bidliet fl-investimenti u/jew ir-riformi msemmija vis-à-vis il-fondi allokati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza?

02/08/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sal-lum il-ġurnata ma kienx hemm bidliet fl-investimenti u/jew fir-riformi msemmija *vis-à-vis* il-fondi allokati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Seduta 32
12/10/2022

**ENEMALTA – ĦADDIEMA FUQ XOGĦOL TA' DAWL FIT-TOROQ**

**2323. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Wara li d-dwal tat-toroq (street lighting) ġie f'sezzjoni għalih, tista' l-Ministru tgħid kemm hemm ħaddiema (u b'kemmcherry pickers) jaħdmu madwar Malta kollha, biex jieħdu ħsieb il-ħsarat li jkun hawn?

05/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex jieħdu ħsieb ħsarat ta' dawl li jaqa' fir-responsabilità tal-Enemalta hemm 5 ħaddiema u żewġ tower ladders li jiġu megħjuna minn ħaddiema oħra skont il-ħtieġa.

Seduta 32
12/10/2022

**LOW WAGE COMMISSION – ŻVILUPPI DWAR IL-PAGA MINIMA**

**2324. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena mil-*Low Wage Commission* b'rabta mal-iżviluppi dwar il-paga minima f'pajjiżna?

05/09/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 32
12/10/2022

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – ESTENSJONI TAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

**2382. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Wara dak li ntqal mill-eNGO Flimkien għall-Ambjent Aħjar, ċjoé li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qed issir estensjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u kif ukoll li hemm impjegati mill-istess Awtorità tal-Ippjanar li qed jaħdmu fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, jista' l-Ministru jippreżenta fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar li qed jaħdmu fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, jekk hemm? Jista':
a. jagħti d-data ta' meta kull persuna daħlet taħdem fis-Sovrintendena tal-Patrimonju Kulturali;
b. jinidika l-kariga u l-grad li kull persuna kienet tokkupa fl-Awtorità tal-Ippjanar fil-mument li daħlet fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju;
c. jndika l-kariga u l-grad li tokkupa fl-Awtorità tal-Ippjanar illum minkejja li taħdem mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;
d. jgħid x'inhi l-kariga u l-grad li daħlet fiha fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali; u
e. jgħid x'inhi l-kariga u l-grad li tokkupa llum fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali?
Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim jew kuntratt li jirregola l-ingaġġ ta' dawn l-impjegati?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 32
12/10/2022

**ELIĠIBILITÀ GĦALL-MEDIĊINA 'XERALTO' BLA ĦLAS**

**2452. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min hu intitolat għall-medicina 'Xeralto' b'xejn u kemm-il pazjent qed jieħu din il-mediċina b'xejn sal-15 ta' Settembru 2022?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 2698.

Seduta 32
12/10/2022

**DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA U ĊENTRI TAS-SAĦĦA – AMBULANZI**

**2453. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il ambulanza preżentement tagħti servizz fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei u ċ-ċentri tas-saħħa? Jista' jgħid jekk hemmx ambulanzi mikrija mill-privat u x'inhi n-nefqa għall-kirja tagħhom?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei jopera 11-il ambulanza filgħodu u 9 ambulanzi matul il-lejl għas-servizz tal-emerġenza u ċ-ċentri tas-saħħa. U l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jopera 5 ambulanzi.

Seduta 32
12/10/2022

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ U S-SIĠĠIEWI – TRIQ L-IMDINA - TRAFFIC LIGHT CONTROLLED INTERSECTION**

**2454. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju ta' kif ġie affettwat it-traffiku wara li saret it-traffic light controlled intersection ġdida fi Triq l-Imdina bejn Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi u jekk hemmx riżultati mqabbla ma' kif kienet is-sitwazzjoni qabel ma sar il-proġett?

26/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari Nru 2192.

Seduta 32
12/10/2022

**IR-RABAT - TELGĦA TAS-SAQQAJJA – XOGĦLIJIET FIT-TARAĠ**

**2455. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega għaliex it-taraġ li sar fil-ġenb ta' taħt il-Casino Notabile fit-telgħa tas-Saqqajja, ir-Rabat, kellu jinqala' darbtejn waqt li qed isir il-proġett ta' rinovazzjoni? Jista' jgħid min ħallas għal dan?

26/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja bi proġett ta' madwar €500,000 biex issebbaħ il-belvedere, it-taraġ u l-bankini fiż-żona tas-Saqqajja, ir-Rabat.

Dan il-proġett qed isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imdina, peress li din iż-żona, għalkemm magħrufa bħala s-Saqqajja tar-Rabat, tifforma parti mill-konfini tal-Imdina. Barra minn hekk, ix-xogħlijiet qed isiru wkoll f'konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali minħabba l-kuntest storiku tal-inħawi u l-bini tal-madwar.

Qabel ma t-taraġ u l-bankini tal-madwar bdew jinksew b'ċangatura tal-qawwi li nġiebet minn Għawdex, inbidlu s-servizzi tal-ilma u katusi tad-drenaġġ, kif ukoll ġew imtejba s-sistemi għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita fl-istess żona. Ġew mgħoddijin ukoll pajpijiet taħt l-art f'każ li 'l quddiem ikun hemm ħtieġa li jiżdied id-dawl dekorattiv u d-dawl tat-triq. L-għażla tal-materjali li qed jintużaw f'dan il-proġett ta' tisbiħ saret skont rakkomandazzjonijiet li ngħataw mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali biex ikun assigurat li dawn jintegraw mal-estetika tal-inħawi partikolarment il-binja storika ta' Casino Notabile li nbniet fl-1887.

F'kull proġett li tagħmel, Infrastructure Malta tesiġi li l-kuntrattur iwettaq ix-xogħol mitlub skont l-istandards stabbiliti ta' kwalità u sigurtà. Meta x-xogħlijiet ma jilħqux il-livelli ta' kwalità rikjesta u ma jsirux skont is-sengħa, l-aġenzija ġġiegħel lill-kuntrattur jerġa' jagħmel ix-xogħol mill-ġdid bi spejjeż tiegħu u hekk sar f'dan il-każ.

Seduta 32
12/10/2022

**TISQIJA TA' SIĠAR U ARBUXELLI**

**2456. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba fix-xahar issir tisqija tas-siġar u arbuxelli li tħawlu reċentament fit-toroq Maltin? Tista' tindika hemmx differenza fl-ammont ta' tisqija bejn ix-xhur tas-sajf u xitwa?

26/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li ż-żoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża huma dawk indikati fil-ftehim viġenti bejn il-Gvern u l-Environment Landscapes Consortium (ELC). B'mod ġenerali l-frekwenza fit-tisqija hija dipendenti fuq il-kundizzjoni tat-temp u l-istaġjonalità, speċjalment fuq it-temperaturi u x-xita, iżda bħala medja din issir darbtejn fil-ġimgħa fix-xhur tas-sajf li tiżdied għal tlieta fil-ġimgħa meta t-temperaturi jogħlew aktar min-normal u minimu ta' darba fil-ġimgħa fix-xitwa li tiżdied skont it-temp u l-ħtieġa.

Fi kwalunkwe każ it-tisqija dejjem issir skont il-bżonn u hija dejjem relatata mat-temperatura u mal-ammont ta' xita tul il-perjodu.

Seduta 32
12/10/2022

**LIBRERIJI PUBBLIĊI - XIRI TA' KOTBA**

**2457. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ktieb ġdid jinxtara fis-sena biex jiġu użat fil-libreriji pubblici li jinsabu mxerrda fil-lokalitajiet diversi f'Malta?

26/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 32
12/10/2022

**TA’ QALI - PETTING FARM**

**2491. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux maħsub li jsir titjib fil-Petting Farm f'Ta’ Qali li bħalissa jinsab fi stat mill-aktar diżastruż u li fuqu qamu kwestjonijiet ta’ periklu u nuqqas ta’ sigurtà għal dawk li jiffrekwentawh?

26/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 32
12/10/2022

**TRAPJANTI TAL-ORGANI– LISTA TA’ STENNIJA**

**2492. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il persuna qiegħda fuq il-lista ta’ stennija għal trapjanti tal-organi?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-aħħar 4 snin saru 67 trapjant u fuq il-lista ta’ stennija għal trapjanti tal-organi hemm madwar 90 pazjent jistennew kilwa u 20 pazjent jistennew kornea.

Seduta 32
12/10/2022

**KUNTRATT BEJN IL-GVERN U L-AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA**

**2530. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid meta ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Gvern Malti u s-soċjetà Sadeen Education Investment Limited (“Sadeen”), fejn il-Gvern ikkonċeda lis-soċjetà Sadeen, b’titolu ta’ ċens temporanju, art parti minn SmartCity fix-Xgħajra?

29/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratt bejn il-Gvern Malti u s-soċjetà Sadeen Education Investment Limited ġie ffirmat fid-29 ta’ Awwissu 2022.

(*Korrezzjoni: Ara Dokument PL 679 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 33, nhar it-Tnejn, 17 ta' Ottubru 2022)*

Seduta 32
12/10/2022

**KUNTRATT BEJN IL-GVERN U SMART CITY MALTA**

**2531. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid meta ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Gvern u SmartCity (Malta) (SCM), dwar terminazzjoni ta’ parti mill-enfitewsi temporanju u ċens relattiv?

29/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratt bejn il-Gvern Malti u Smart City Malta ġie ffirmat fit-28 ta’ Settembru 2022.

*(Korrezzjoni: Ara Dokument PL 680 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 33, nhar it-Tnejn, 17 ta' Ottubru 2022)*

Seduta 32
12/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2582. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk ittieħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li m'hemmx persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar.

Seduta 32
12/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2583. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk ittieħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li ma hemm l-ebda CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li tiegħu jiena responabbli.

Seduta 32
12/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2584. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u li kull entità timxi fuq HR Plan ta' tliet snin, li jieħu konjizzjoni l'età tal-irtirar tal-ħaddiema.

Seduta 32
12/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2585. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk ittieħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** F'kull entità jsir l-almu kollu possibbli sabiex il-ħaddiema jirċievu tagħlim kontinwu relatat max-xogħol tagħhom li tagħmilha possibbli li l-ħaddiema kontinwament ikollom progressjoni fil-karriera tagħhom. L-irwoli li qed tirreferi għalihom huma okkupati minn persuni b'kuntratti definiti assenjati lilhom. Hi proċedura normali li, meta jkunu waslu biex jintemmu, isiru tħejjijiet minn qabel għat-tiġdid tagħhom mal-istess persuni jew oħrajn li jidħlu flokhom.

Seduta 32
12/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2586. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk ittieħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 32
12/10/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2587. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 32
12/10/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – MOBILE CLASSROOMS**

**2658. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm mobile classrooms fl-iskejjel primarji?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mobile classrooms li qed jirreferi għalihom jiġu użati temporanjamentsabiex niżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-istudenti u tal-edukaturi f'ċirkostanzi partikolari. Dawn il-mobile classrooms huma attrezzati bl-aħjar faċilitajiet sew ta' tgħalim u kif ukoll biex l-

istudenti jkollhom kundizzjonijiet ambjentali xierqa. Ngħarrfu li li hemm 26 mobile classrooms fl-iskejjel primarji.

Seduta 32
12/10/2022

**SKEJJEL MEDJI – MOBILE CLASSROOMS**

**2659. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm mobile classrooms fl-iskejjel medji?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx mobile classrooms fl-iskejjel medji.

Seduta 32
12/10/2022

**SKEJJEL SEKONDARJI – MOBILE CLASSROOMS**

**2660. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm mobile classrooms fl-iskejjel sekondarji?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mobile classrooms li qed jirreferi għalihom jiġu użati temporanjament sabiex niżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-istudenti u tal-edukaturi f'ċirkostanzi partikolari. Dawn il-mobile classrooms huma attrezzati bl-aħjar faċilitajiet sew ta' tgħalim u kif ukoll biex l-istudenti jkollhom kundizzjonijiet ambjentali xierqa. Ngħarrfu li li hemm 4 mobile classrooms fl-iskejjel sekondarji.

Seduta 32
12/10/2022

**STUDENTI TAL-YEAR 9 – GĦAŻLA TAS-SUĠĠETT TAT-TALJAN**

**2661. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li mill-Year 9 ħadu t-Taljan bħala suġġett option?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-Year 9 kien hemm 16-il student li għażel it-Taljan bħala option.

Seduta 32
12/10/2022

**STUDENTI TAL-YEAR 9 – GĦAŻLA TAS-SUĠĠETT TAL-ISPANJOL**

**2662. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li mill-Year 9 ħadu l-Ispanjol bħala suġġett option?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-Year 9 kien hemm 6 studenti li għażlu l-Ispanjol bħala option.

Seduta 32
12/10/2022

**STUDENTI TAL-YEAR 9 – GĦAŻLA TAS-SUĠĠETT TAL-FRANĊIŻ**

**2663. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li mill-Year 9 ħadu l-Franċiż bħala suġġett option?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-Year 9 kien hemm 9 studenti li għażlu l-Franċiż bħala option.

Seduta 32
12/10/2022

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – TOROQ ONE WAY**

**2679. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet għat-toroq f'Ħaż-Żebbuġ, li reċentement saru one way, dik ta' ħdejn il-Peridot (Triq Ewġenju Borġ) u dik ta' Triq l-Imgħażel? Dawn it-tibdiliet huma temporanji jew permanenti? Jekk permanenti, jista' l-Ministru jispjega eżatt għalfejn sar dan it-tibdil u jgħid jekk sarux xi konsultazzjonijiet?

30/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq l-Imgħażel saret one-way b'rabta mal-proġett ta' titjib li sar minn Infrastructure Malta fil-junction ta' bejn is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ fi Triq l-Imdina, sabiex ittaffi d-diffikultajiet ta' konġestjoni u tnaqqas ir-riskji t'aċċidenti f'din ir-rotta ewlenija ta' pajjizna. Id-deċiżjoni biex it-triq indikata ssir one way b'mod permanenti ttieħdet sabiex ma jkunx hemm interferenza ta' flussi ta' traffiku (traffic flows) li jitilgħu minn Triq l-Imdina direzzjoni lejn Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat. Dan it-tibdil qed jiġi implimentat wara diskussjonijiet ma' stakeholders involuti.

Seduta 32
12/10/2022

**UNIVERSITÀ AMERIKANA TA' MALTA (AUM) - LIĊENZJA**

**2680. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi s-sitwazzjoni fuq il-liċenzja tal-Università Amerikana ta' Malta (AUM), u jekk din il-liċenzja ġietx imġedda mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE)? Jekk iva, għal kemm ġiet imġedda?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-liċenzja msemmija ġiet imġedda f'Awwissu li għadda u ġiet imġedda għal ħames snin.

Seduta 32
12/10/2022

**AWTORITÀ DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL – PROJECT SUPERVISORS - LISTA TA' PERSUNI**

**2695. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jippreżenta lista ta' ismijiet tal-persuni kompetenti fir-reġistru tal-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li jistgħu jiġu appuntati bħala Project Supervisors?

03/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** M'hemm l-ebda obbligu legali li project supervisor ikun reġistrat mal-OHSA. Min-naħa l-oħra, ir-Reġistru ta' Persuni Kompetenti miżmum mill-OHSA jinkludi elenku ta' persuni li jissodisfaw l-kriterji minimi ta' reġistrazzjoni biex jagħtu pariri b'mod ġenerali fis-saħħa u s-sigurtà u mhux limitat għal, iżda jinkludi wkoll lil dawk li jridu jaġixxu ta' Project Supervisor, u li b'mod volontarju riedu li isimhom jidher fir-reġistru.
Din il-lista qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 32
12/10/2022

**PROJECT SUPERVISORS - LISTA**

**2696. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jippreżenta lista ta' ismijiet ta' persuni li qegħdin responsabbli bħala Project Supervisors mal-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il Post tax Xogħol f'dan il-mument, u fl-istess ħin jindika kemm-il sit għandhom assenjat li huma responsabbli minnu fil-preżent?

03/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-obbligu ta' notifika minn qabel lill-OHSA jeżisti biss għal dawk il-proġetti ta' kostruzzjoni li jkunu jinvolvu iktar minn 500 person days ta' xogħol. Fost affarijiet oħra, din in-notifika jkollha informazzjoni dwar min hu l-project supervisor tal-proġett. Fil-każ ta' kull proġett ieħor, anke fejn ikun hemm l-obbligu ta' ħatra ta' project supervisor, m'hemmx obbligu li tintbagħat notifika lill-OHSA u allura l-OHSA mhux ser ikollha l-informazzjoni mitluba.
Fl-istess ħin irid jingħad li project supervisor jitqabbad mill-klient, u ma teżisti l-ebda ħtieġa ta' reġistrazzjoni mal-OHSA biex iwettaq dan ix-xogħol.
Nitlob ukoll lill-Onor. Interpellant biex jagħmel ukoll referenza għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 2695.

Seduta 32
12/10/2022

**PAGA MEDJA MAS-SERVIZZ PUBBLIKU U S-SETTUR PUBBLIKU**

**2697. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhi l-paga medja mas-servizz pubbliku u fis-settur pubbliku?

03/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li skont l-aħħar figuri tal-Istħarrig dwar il-Ħaddiema u s-Suq tax-Xogħol (Q2-2022), il-paga medja tan-nies li jaħdmu f'amministrazzjoni pubblika kienet ta' €22,146.

Seduta 32
12/10/2022

**MARSAXLOKK – TRIQ G. MANISCALCO – COACHES TAT-TURISTI**

**2724. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara permezz ta' Transport Malta, x'qed jiġri ġewwa Triq G. Maniscalco ġewwa Marsaxlokk, fejn qed ikun hemm coaches tat-turisti li mid-dehra qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti li diġà lmentaw mal-Awtorità u ma ħadu l-ebda risposta?

03/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta qiegħda f'diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali sabiex tinstab soluzzjoni, kemm għar-Residenti kif ukoll għall-Coaches li qegħdin jipprovdi servizz lit-turistiku.
Infurmat li hemm proġettati laqgħat ukoll li għalihom se tkun mistiedna l-Assoċjazzjoni tal-Coaches.
Seduta 32
12/10/2022

**KUNSILLI LOKALI - ILMENTI DWAR ĦMIEĠ JEW PROBLEMA TA' SKART**

**2742. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2221, peress li kien hemm xi numru ta' kunsilli lokali li kienu għadhom ma bagħtux l-informazzjoni relattiva, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il ilment dwar ħmieġ jew problema ta' skart ġew reġistrati fl-aħħar sentejn f'dawn il-kunsilli lokali?

03/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2762. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2763. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tħallsu €16,180.25 f'reklamar lil Net FM u Media.link mill-2017 sal-lum il-ġurnata.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2764. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu indikat saru b'€43,233.08 f'reklamar lil Media.link u Net TV.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2765. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu indikat tħallsu €2,258 lil Media.link b'rabta ma' reklamar.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2766. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu indikat, il-ħlas lil Media.link għal reklamar kien jammonta għal €39,043.29.

Seduta 32
12/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2767. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 32
12/10/2022

**MARSA – PROĠETT TAL-FLYOVER - INVESTIGAZZJONI DWAR KORRUZZJONI**

**2777. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid hemmx investigazzjoni dwar l-allegat korruzzjoni fil-proġett tal-flyover tal-Marsa?

04/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Ministru ma jkunx infurmat bl-investigazzjonijiet.

Seduta 32
12/10/2022

**KUNSILLI LOKALI - ILMENTI**

**2790. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2222, peress li kien hemm xi numru ta' kunsilli lokali li kienu għadhom ma bagħtux l-informazzjoni relattiva, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il ilment ġie reġistrat fl-aħħar sentejn f'dawn il-kunsilli lokali?

04/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 32
12/10/2022

**ŻONA TAL-IMBORDIN – ILMA LEWN SAFRANI FIL-5 TA' OTTUBRU**

**2830. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinvestiga x'inhi r-raġuni għalfejn l-ilma fiż-żona tal-Imbordin kien ta' lewn safrani, fil-5 ta' Ottubru, 2022? Tista' l-Ministru tikkonferma li t-tiswijiet neċessarji tlestew u li l-provvista tal-ilma reġgħet ġiet lura għan-normal?

06/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fit-3 ta' Ottubru 2022, kien hemm ħsara fuq mejn tal-ilma li jissupplixxi din il-parti u kellu jingħalaq l-ilma biex tissewwa din il-ħsara. Il-provvista tal-ilma reġgħet ġiet għan-normal minnufih.

Seduta 32
12/10/2022

**BUĠIBBA, SAN PAWL IL-BAĦAR – ŻBROFF TA' DRENAĠĠ TAĦT IL-PJAZZA**

**2831. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinvestiga x'inhi r-raġuni għalfejn id-drenaġġ reġa' żbroffa taħt il-Pjazza ta' Buġibba, San Pawl il-Baħar? Tista' tinforma x'passi qegħdin jittieħdu biex dan l-iżbroff ta' drenaġġ ma jibqax iseħħ? Tista' tagħti tagħrif jekk tfassalx jew jekk hux qed jitfassal pjan komprensiv għas-sistema kollha tad-drenaġġ fl-inħawi ta' Burmarrad, Buġibba, Qawra, ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar u fil-madwar?

06/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata illi l-iżbroff tad-drenaġġ taħt il-pjazza ta' Buġibba ġie kkawżat minn bankina li ġġarrfet fuq il-mejn tad-drenaġġ. Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 1683 fejn aċċenajt li huwa ppjanat li fit-tliet snin li ġejjin il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se tinvesti direttament 'il fuq minn 10 miljun ewro biex issaħħaħ l-infrastruttura tal-ilma u drenaġġ fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar.

Seduta 32
12/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR/XEMXIJA – TRIQ IL-PWALES - MANUTENZJONI**

**2832. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2528, jista' l-Ministru jispeċifika x'xogħlijiet saru, u għal kull xogħol li sar, minn liema entità sar u meta sar? Jista' jaċċerta li t-tiswijiet ta' spralli tax-xita u fil-wiċċ tal-asfalt fi Triq il-Pwales isiru mill-aktar fis, hekk kif dawn it-tiswijiet ma jidhirx illi saru?

06/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** F'konformità mat-tweġiba parlamentari bin-numru 2528, nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 32
12/10/2022

**STABBILIMENTI KUMMERĊJALI LI GĦANDHOM LIĊENZJA JDOQQU MUŻIKA**

**2835. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hemm bars, ristoranti u stabbilimenti kummerċjali oħra li għandhom liċenzja biex idoqqu l-mużika? Kemm minn dawn għandhom liċenzja li jdoqqu open air? Sa xħin huma liċenzjati li jdoqqu dawn l-istabbilimenti? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk hemmx stabbilimenti li għandhom ukoll konċessjonijiet speċjali biex idoqqu wara l-ħin stabbilit? Jekk iva, kemm hemm u liema huma?

07/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ħarġet 62 permess biex tindaqq mużika ġewwa l-istabbilimenti li huma liċenzjati minnha. Il-ħin sakemm tista' tindaqq il-mużika huwa determinata mil-liġi li taqa' taħt l-Att dwar il-liċenzji tal-kummerċ. L-Awtorità mhijiex responsabbli li toħroġ konċessjonijiet biex tindaqq mużika wara l-ħin stabbilit.

Seduta 32
12/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – SURVEY FUQ IL-MOLL BISWIT IL-MENQA**

**2836. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar survey li kien qed isir matul l-aħħar jiem fuq il-moll li hemm biswit il-Menqa ta' San Pawl il-Baħar? X'inhu l-iskop ta' dan is-survey? Hemm xogħlijiet ippjanati fuq dan il-moll? Jekk iva, x'inhuma dawn ix-xogħlijiet?

07/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-moll iż-żgħir ta' ħdejn il-Menqa jinsab fi stat ħazin, tant li hu mgħawwar minn taħt u għalhekk hemm bżonn li jsir intervent biex il-moll jissewwa u jissaħħaħ. Meta l-baħar ikun imqalleb, parti mill-ħsarat saħansitra jkunu jidhru. Għaldaqstant, permezz ta' għaddasa sar survey tal-ħsarat qabel ma jinbeda x-xogħol fuq il-moll fiż-żmien li ġej.

Seduta 32
12/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – FONDI MIĠBURA MINN SKEMI**

**2837. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm preżentament hu l-ammont ta' fondi miġbura mill-Awtorità tal-Ippjanar, f'pagamenti ta' CCPS, Development Planning Fund, jew xi skema oħra għal kull lokalità? Minn dawn il-fondi, għal kull lokalità, kemm hu l-ammont li fuqu diġà hemm ftehim ta' kif ser jintużaw dawn il-fondi, u kemm hu l-ammont li s'issa għad ma hemm l-ebda ftehim fuqu?

07/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kontribuzzjonijiet, li qed jirreferi għalihom, jinġabru minn tliet sorsi prinċipali, li huma persentaġġ mill-applikazzjonijiet tar-regolarizzazzjoni, persentaġġ mill-kontribuzzjonijiet għan-nuqqas ta' parkeġġ u f'xi każijiet ta' gwadann fl-ippjanar fejn jidħlu proġetti kbar. Il-fondi minn dawn is-sorsi jibqgħu marbutin mal-lokalità minn fejn ikunu se jseħħu jew twettqu l-applikazzjonijiet għal żvilupp, tant li 80% minnhom jiġu allokati għall-użu dirett tal-Kunsilli u l-20% l-oħrajn għaqdiet b'interessi partikolari fil-lokal. L-applikazzjonijiet għall-użu ta' dawn il-fondi jiġu determinati minn kumitat maħtur apposta mill-eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar.
L-informazzjoni mitluba relatata mal-ammonti diġà maqbula jew le biex jintużaw mil-lokalitajiet rispettivi tinsab fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 32
12/10/2022